MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1160/2008

**FreightZone (Malta) Limited**

**-vs-**

**Lambusa Maritime Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjeta' attriċi li jgħid hekk:

"1. Illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' sittax-il elf sebgħa u ħamsin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmi (€16,057.77) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar prezz ta' servizzi ta' *freight forwarding* u servizzi relatati ma' l-istess, reżi mis-soċjeta' attriċi fuq struzzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, liema dejn huwa ċert, likwidu u dovut.

2. Illi għalkemm interpellata l-istess soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti.

3. Illi s-soċjeta' konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attriċi.

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn qabel premessi, is-soċjeta' attriċi qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddispensa mis-smigħ tal-kawża *ai termini* ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas is-somma ta' sittax-il elf sebgħa u ħamsin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmi (€16,057.77) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar prezz ta' serviġi ta' *freight forwarding* u servizzi relatati ma' l-istess reżi mis-soċjeta' attriċi fuq struzzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta.

Bl-imgħax skond il-liġi u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment kontra l-istess soċjeta' konvenuta nġunta in subizzjoni."

Rat id-dokumenti hemm annessi.

Rat li s-soċjeta' konvenuta msejħa tliet darbiet ma dehritx.

Rat l-Artiklu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Peress li fiċ-ċirkostanzi t-talba attriċi kif dedotta fir-rikors maħluf tidher ġustifikata, u hemm lok li s-sentenza tingħata bid-dispens tas-smigħ tal-kawża,tżiddeċiedi billi tilqa' t-talba attriċi kif dedotta fir-rikors maħluf, bl-imgħax kif mitlub u bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------